**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL.D**

**Illum 17 ta' Settembru 2020**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Colin Sheldon)**

**Vs**

**Slobodan Pavlovic**

**IL-QORTI**;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' **Slobodan Pavlovic** detentur tal-karta tal-identita' 223565A, fejn gie akkuzat talli b'diversi atti magħmulin minn Slobodan Pavlovic, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda u cioe' nhar it-12 ta' Lulju 2020 u nhar il-25 ta' Awwissu 2020 ghall-habta ta' 13:10 hrs u 11:00 hrs rispettivament u hinijiet ta' qabel, gewwa ix-Xatt ta' Tigne u f'dawn il-Gzejjer:-

1. Illi nhar it-12 ta' Lulju 2020 ghall-habta ta' 03:15 hrs u hinijiet qabel, ikkommettejt serq ikkwalifikat bil- 'hin' ta' mobile phone u li l-valur tieghu ma jeċċedix mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disghin ċenteżmu (€ 232.94) u

dan għad-detriment ta' Gianluca Leone u / jew persuni oħra u dan bi ksur tal-Artikoli 281 (a) u 267 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta.

2. Illi nhar it-12 ta’ Lulju 2020 ghall-habta ta’ 13:10 hrs u hinijiet qabel, ikkommettejt serq ikkwalifikat bil- ‘valur’ ta’ mobile phone u li l-valur tieghu jeċċedi mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disghin ċenteżmu (€ 232.94) izda ma jkunx izjed minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro sebgha tletin centezmu (€ 2,329.37) u dan għad-detriment ta' Deisler Grech u / jew persuni oħra u dan bi ksur tal-Artikolu 279 (a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta.

3. Illi nhar il-25 ta’ Awwissu 2020 ghall-habta ta’ 11:00 hrs u hinijiet qabel, ikkommettejt serq ikkwalifikat bil- ‘valur’ ta’ mobile phone u li l-valur tieghu jeċċedi mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disghin ċenteżmu (€ 232.94) izda ma jkunx izjed minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro sebgha tletin centezmu (€ 2,329.37) u dan għad-detriment ta' Anne Marie Abela u / jew persuni oħra u dan bi ksur tal-Artikolu 279 (a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur bil-gurament;

Rat il-kunsens ta` l-Avukat Generali tas-26 ta` Awwissu 2020 sabiex din il-kawza titmexxa bir-rit sommarju;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Semghet l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat fl-udjenza tal-lum stess ghall-imputazzjonijiet kif migjuba kontra tieghu u l-insistenza f’din l-ammissjoni wara li kien inghata iz-zmien skond il-Ligi sabiex jirrikonsidra tali ammissjoni;

Qieset dak ivverbalizzat fl-udjenza tal-lum stess fejn l-imputat iddikjara li kellu bizzejjed zmien biex jerga jirrikonsidra u li fehem sewwa n-natura tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u li fehem ukoll li l-ammissjoni tieghu, kif fehmitu din il-Qorti, kellha ggib konsegwenzi serji fil-piena.

Semghet is-sottomissjoniet finali dwar il-piena u/jew sanzjoni.

**Ikkunsidrat;**

Illi in vista ta' din l-ammissjoni, u la darba ma hemm xejn x'jindika lil din il-Qorti li ma ghandhiex toqghod fuq tali ammissjoni, l-Qorti m'ghandiex triq ohra hlief li tghaddi ghad-dikjarazzjoni ta` htija skond l-ammissjoni tal-imputat. Ghall-finijiet tal-piena u/jew sanzjoni, l-Qorti qed tikkonsidra fuq kollox l-ammissjoni bikrija tal-imputat. Naturalment il-Qorti mhux qed tinsa in-natura serja tal-imputazzjoni.

**Decide**.

**GHAL-MOTTIVI PREMESSI IL-QORTI**, wara li rat l-Artikoli 17, 31, 267, 279(a) u 281(a), ilkoll tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, issib lill-imputat, fuq ammissjoni tieghu stess, hati tal-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tieghu u tikkundannah komplessivament ghall-piena ta' sebgha (7) xhur prigunerija.

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur